MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

**REĠISTRATUR TAL-QRATI**

vs

Joseph MUSCAT

Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Diċembru, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi fl-10 ta' Diċembru, 1999, John Gatt talab il-ħrug tal-mandat ta' qbid numru 5306/99JV kontra Joseph Muscat (Dok. "A");

Illi fit-3 ta' Frar, 2000, John Gatt espona b'rikors illi Joseph Muscat kien żamm lill-Marixxall tal-Qorti John Vassallo milli jesegwixxi l-mandat imsemmi, u talab li jkunu istitwiti proċeduri għall-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontra Joseph Muscat (Dok. "B");

Illi fit-23 ta' Frar, 2000, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta' John Gatt u ordnat lill-attur Reġistratur tal-Qrati sabiex jistitwixxi proċeduri għad-disprezz tal-Qorti kontra l-konvenut Joseph Muscat (Dok. "C");

**Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;**

**Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:**

**1. Issib lill-konvenut ħati ta' disprezz kontra l-awtorita' tagħha skond l-artikolu 997 tal-Kap, 12;**

**2. Tikkundanna lill-konvenut għall-pieni indikati fl-istess artikolu;**

**Bl-isejjeż kontra l-konvenut li huwa ukoll inġunt għas-subizzjoni;**

**Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;**

**Rat in-Nota mressqa fis-16 ta' Frar, 2001, li biha l-imħarrek eċċepixxa:**

**1. Illi preliminarjament in-nullita' taċ-ċitazzjoni, stante li din ma ġietx prezentata minn waħda mill-persuni ndikata fl-Artikolu 180 tal-Kap. 12;**

**2. Illi mingħajr pregudizzju għall-premess, kif ser jirriżulta mill-provi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;**

**Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa nġunt in subizzjoni;**

**Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;**

**Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Frar, 2001, u d-Degriet tagħha ta' dak inhar, dwar id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-attur;**

**Rat in-Nota mressqa mill-attur fis-6 ta' Marzu, 2001[1], flimkien mad-dokument mehmuż magħha;**

**Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;**

**Rat ir-rikors tal-attur tad-9 t'April, 2001, li bih talab lill-Qorti tieqaf milli tgħaddi għad-deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari, sabiex ikun jista' jagħmel sottomissjonijiet oħrajn b'żieda ma' dawk li kien diġa' ressaq;**

**Rat in-Nota ta' Referenzi mressqa mill-attur fis-7 ta' Settembru, 2001[2], b'żieda mressqa għaliha b'Nota oħra tal-10 ta' Settembru, 2001[3];**

**Rat l-atti kollha tal-kawża;**

**Rat id-Degrieti tagħha tal-4 t'Ottubru, 2001, tal-10 ta' Jannar, 2002, tas-26 ta' Marzu, 2002, tad-9 ta' Mejju, 2002, tat-23 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, u tat-23 ta' Jannar, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek;**

Rat illi l-imħarrek ma ressaq l-ebda Nota ta' sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik tal-attur u lanqas talab lill-Qorti biex tieqaf milli tgħaddi għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari;

*Ikkunsidrat:*

---

[1] Pa[[. 17 sa 21 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 27 sa 30 tal-pro`ess
[3] Pa[. 32 tal-pro`ess

Illi din hija kawża fejn qiegħed jintalab li l-imħarrek jinstab ħati ta' għamil ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti taħt l-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Illi l-imħarrek qiegħed jiġi mixli li żamm marixxal tal-Qorti milli jwettaq dmiru u jaqbad mingħandu ħwejjeġ li kienu nqabdu fl-atti ta' Mandat ta' Qbid Eżekuttiv numru 5306/99JV maħruġ fl-10 ta' Diċembru, 1999[4], wara talba ta' John Gatt li kien rebaħ kawża kontra l-imħarrek xahrejn qabel;**

**Illi din il-kawża nbdiet wara li din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet tat Degriet f'dan is-sens fit-23 ta' Frar, 2000[5], fuq talba magħmula mir-rikorrent eżekutant John Gatt b'rikors tat-3 ta' Frar, 2000[6];**

**Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi, fost l-oħrajn, qal li l-atti taċ-Ċitazzjoni ma jiswewx għaliex ma ġewx imressqa minn waħda mill-persuni msemmija fl-artikolu 180 tal-Kap 12. Iċ-Ċitazzjoni tressqet f'isem ir-Reġistratur tal-Qrati u d-Dikjarazzjoni nħalfet minn Ġemma Debono, li dak iż-żmien kienet tħaddan il-kariga ta' Reġistratur tal-Qrati. Madankollu, fuq l-ewwel wiċċ tal-Att taċ-Ċitazzjoni hemm imniżżel li l-att tressaq minn Dottor Victor Żammit, flimkien ma' tliet (3) dokumenti. Huwa fuq dan l-aħħar fatt li l-imħarrek qiegħed isejjes l-eċċezzjoni tiegħu, għaliex qiegħed jgħid li l-Att taċ-Ċitazzjoni ma ġiex iffirmat mill-parti, u ġie mressaq minn persuna li mhix waħda minn dawk maħsuba mill-artikolu 180 biex tressaq l-att;**

**Illi s-sentenza tal-lum hija għalhekk dwar is-siwi tal-imsemmija eċċezzjoni;**

**Illi l-imsemmi artikolu 180 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid, fost l-oħrajn, min huma dawk il-persuni li jistgħu jippreżentaw atti fil-Qorti. Dawn jinkludu (i) lill-parti nnifisha li tidher**

---

[4] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[5] Dok "Ċ", f'paġ. 7 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess

**f'isimha jew kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor; (ii) prokuratur legali; (iii) soċju ta' ditta kummer ċjali; (iv) mandatarju speċjali ta' qarib tiegħu f'xi wieħed mill-gradi msemmija f'dak l-artikolu; (v) persuna li hija parti f'kawża ma' ħaddieħor; u, fil-każ ta' Qrati partikolari, (vi) avukat. Il-liġi trid li jekk l-att ikun Ċitazzjoni mressqa fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri minn kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor, ikun biżżejjed li tissemma l-kariga tal-persuna li tkun qegħda tressaq dak l-att mingħajr il-ħtieġa li tissemma b'isimha[7] ;**

**Illi wieħed irid jagħraf bejn l-għamil fejn wieħed jippreżenta l-att ġudizzjarju fir-Reġistru partikolari ta' Qorti u l-fatt ta' min jiffirma dak l-att[8];**

**Illi l-Avukat Żammit, li ffirma wkoll l-att taċ-Ċitazzjoni, ressaq bħala prova tas-setgħa tiegħu li jressaq l-atti f'isem ir-Reġistratur tal-Qrati kopja tal-kuntratt tal-ħatra tiegħu[9]. Fost dawn, wieħed isib li huwa ngħata l-ħatra li jagħti assistenza u pariri lir-Reġistratur tal-Qrati fit-twettiq ta' dmirijietu taħt il-Kodiċi tal-Proċedura. Hemm ukoll il-funzjoni li jassisti u jidher għar-Reġistratur fit-tmexxija 'l quddiem ta' kawża, kemm ċivili,kriminali jew mod ieħor;**

**Illi għalkemm jisħaq li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju m'hijiex mistħoqqa, l-attur jasal biex jistqarr li l-att tal-preżentata kif muri fuq l-ewwel faċċata tal-Att taċ-Ċitazzjoni ma messux sar hekk. Aktar 'il quddiem, waqt li kien qiegħed iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu b'Nota, jistqarr li t-tismija ta' ismu fuq l-ewwel paġna tal-Att taċ-Ċitazzjoni jikkostitwixxi "żball amministrattiv" li "sar bi żvista" li, madankollu, ma jwassalx biex l-att kollu jitqies ma jiswiex;**

**Illi għalkemm l-imħarrek ma jsemmix taħt liema dispożizzjoni tal-liġi huwa qiegħed isejjes l-eċċezzjoni**

[7] Art. 181(1) tal-Kap 12
[8] Artt. 178 u 179 tal-Kap 12
[9] Dok "X", f'paġġ. 18 sa 21 tal-proċess

**tiegħu, wieħed jifhem li din qegħda tistrieħ fuq l-artikoli 787(1) ġli jintrabat mal-artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12ħ u 789(1)(d) tal-Kodiċi li jirreferi għal nuqqas ta' xi partikolarita' espressament meħtieġa mil-liġi;**

**Illi kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[10];**

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi. Tifsira tajba ta' din id-dispożizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet <u>Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino</u>[11];

Illi, f'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

**Illi fis-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni, il-Qorti trid tiddeċiedi billi timxi ma' dak li tgħid il-liġi, billi tħares il-jedd ta' kull parti li jkollha u tingħata smigħ xieraq, inkluż il-jedd li tista' tiddefendi sewwa l-każ tagħha, u twieżen il-mira li tagħmel ħaqq mal-perikolu li ma tintilifx fil-formaliżmu bla bżonn. Dan trid tagħmlu billi żżomm quddiem għajnejha dawn il-prinċipji bażiċi, magħduda magħhom dak li att ġudizzjarju għandu, safejn jista' jkun, ma jiġix imħassar jekk jista' jiġi salvat, u li l-qorti ma tintużax biex tippremja t-traskuraġni fit-tħejjija tal-atti li jitressqu quddiemha u tagħraf fejn żball ikun wieħed ġenwin;**

---

[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **15.5.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Morana*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.337**) u P.A. C.S.:4.11.1988 fil-kawża fl-ismijiet *Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri* (mhix pubblikata)
[11] **28.1.1998** (Kollez. Vol**: LXXXII.ii.30**)

**Illi, meta wieħed iħares b'reqqa lejn id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175, għandu jsib li s-setgħat ta' qorti li tilqa' talba (jew ukoll li minn rajha hekk tordna) biex isir bdil fl-atti hija wiesgħa tassew, u l-kliem tal-liġi sa hemm m'għandhomx għaliex joħolqu problemi ta' tifsira;**

**Illi l-mod kif l-imsemmi artikolu 175 huwa mfassal illum, kull tiswija jew żieda f'att tal-kawża jista' jsir f'kull waqt tal-kawża. Tali tibdil jikkonsisti mhux biss fit-tiswija ta' żball imma wkoll bdil fl-atti b'mod li jistgħu jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt li jkunu pertinenti u rilevanti għall-mertu li jkun qiegħed jiġi mistħarreġ fil-kawża. Il-limitazzjoni waħdanija li l-artikolu 175 jagħmel fuq is-setgħa tal-Qorti u min jagħmel talba għall-bdil jew tiswija tal-att hu li t-tibdil ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fil-mertu tal-kawża. Għalhekk, hi lejn is-sustanza ta' l-azzjoni li l-Qorti trid tħares biex tara jekk hux il-każ li tilqa' jew le talba għat-tiswija, bidla jew żieda f'att tal-kawża[12];**

**Illi fil-każ preżenti, u minn dak li jidher mill-atti nfushom tal-kawża, joħroġ sewwa li l-Att taċ-Ċitazzjoni huwa <u>iffirmat</u> minn avukat (Dottor Żammit), id-Dikjarazzjoni mehmuża maċ-Ċitazzjoni ġiet <u>maħlufa</u> mir-Reġistratur tal-Qrati (ta' dak iż-żmien) li hija l-attur fil-kawża, u l-istess Ċitazzjoni <u>tressqet</u> mill-imsemmi Avukat Żammit. Minn dan jidher ukoll li l-firma (jew inizjali) tal-persuna li tat il-ġurament u dik li laqgħet (f'isem ir-Reġistratur) l-Att taċ-Ċitazzjoni hija l-istess waħda, bħalma fl-istess jum (u x'aktarx fl-istess ħin) inħalfet id-Dikjarazzjoni u tressqet iċ-Ċitazzjoni. Ma hemmx firma ta' prokuratur legali la fl-Att taċ-Ċitazzjoni u lanqas fid-Dikjarazzjoni. Jirriżulta wkoll li l-attur ma ffirmax l-atti;**

**Illi dawn l-osservazzjonijiet m'humiex isiru għal xejn. Qegħdin isiru għaliex jitfgħu dawl fuq dak li sata'**

---

[12] App. Ċiv. **18.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Walsh's Limited vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (mhix pubblikata)

**tassew ġara meta tressaq l-att: jiġifieri, fil-waqt li l-attur (fil-persuna ta' Ġemma Debono) u l-Avukat Żammit kienu fiżikament it-tnejn fir-Reġistru meta tressaq l-att, u billi l-Avukat Żammit jaqdi mansjoni amministrativa fi ħdan il-Qrati, l-attwarju niżżel l-isem ta' wieħed minn dawk iż-żewġ persuni li dak il-ħin kienu quddiemu. Għalhekk, kif jissuġġerixxi l-attur fis-sottomissjonijiet elaborati tiegħu, l-istampa li toħroġ minn dan kollu hija waħda ta' żball ġenwin. Wieħed issa jrid jara jekk dan l-iżball iwassalx għal dikjarazzzjoni li l-Att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex;**

**Illi kif tfisser tant tajjeb f'ċirkostanzi bħal dawn, ma jidher li mkien fil-liġi ma tinsab komminata espressament in-nullita' tal-att minħabba n-nullita' tal-preżentata, għaliex id-difett tal-preżentata ma jistax jirrendi l-att nieqes minn xi partikolarita' sostanzjali preskritta mil-liġi[13]. Il-kelma "partikolarita'" kif użata fl-artikolu 789(1)(d) tirreferi għall-kontenut tal-att (taċ-Ċitazzjoni) bħalma huma l-kawżali, l-oġġett, u dawk l-elementi essenzjali kollha li l-liġi tippreskrivi. Kien ngħalhekk li n-nullita' tal-preżentata ġiet imfissra bħala "nullita' virtwali", kif kontrapposta għan-"nullita' essenzjali" msemmija fil-liġi;**

**Illi, mbagħad, jekk wieħed kellu jqis, għall-finijiet tal-artikolu 787(1), jekk l-Avukat Żammit kienx jista' jitqies bħala rappreżentant xieraq tal-attur Reġistratur tal-Qrati, għandu jirriżulta li dan ingħata tali setgħat li jidher għar-Reġistratur, kemm fil-vesti personali u kif ukoll fil-vesti ta' kariga. Dan jinsab ippruvat kif imiss b'dokumentazzjoni li l-imħarrek ma qanqal l-ebda dubju dwar l-awtentiċita' tagħha. Dan iwettaq ukoll il-vot tal-artikolu 180 tal-Kap 12;**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:**

---

[13] Ara. P.A. MCC **14.5.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Henry Debono et vs Onor. Dr. Vincent Tabone*** (mhix pubblikata) li kienet sentenza *in parte* sewwasew fuq eċċezzjoni bħal din tal-lum

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni **tal-imħarrek u tiddikjara li l-Att taċ-Ċitazzjoni mhux milqut minn xi nuqqas li jagħmlu ma jiswiex; u**

Tordna **li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu;**

L-ispejjeż **ta' din id-deċiżjoni għandhom jitħallsu mill-imħarrek.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------